# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 6: Ngħixu bħal Ġesu**

**Lezzjoni 2: Meta mhux kollox sew**

**Għanijiet:**

1. Jaqsmu flimkien xi diżappunti li kellhom f'ħajjithom u jaqsmu l-emozzjonijiet li ħassew dak iż-żmien.
2. Jiddiskutu l  esperjenzi meta kisbu suċċess wara li kellhom xi falliment.



**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Kanzunetta fuq youtube Learning Songs- Emotions

  http://www.youtube.com/watch?v=7AkKk8XIcgU
- PowerPoint Mark, Marija u l-eżamijiet
- Karta ta' Taħriġ 6.2



**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Spjega lit-tfal li f'sitwazzjonijiet differenti se nħossuna differenti.
- Għid lit-tfal isemmu emozzjoniet differenti u iktibhom fuq il-board.
- Uri l-kanzunetta Learning Songs- Emotions

  http://www.youtube.com/watch?v=7AkKk8XIcgU



- Ikteb xi emozzjonijiet differenti li ma ssemmewx qabel.

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Ibda billi turi l-powerpoint Mark, Marija u l-eżamijiet.
- Iddiskuti mat-tfal jekk kienx hemm drabi meta għaddew minn esperjenzi simili.
- Staqsi lit-tfal kif ħassewhom wara xi fallimenet u kif ħassewhom meta ma rnexxilhom jiksbu suċċess.
- Spjega li fil-ħajja rridu dejjem nistinkaw u nagħmlu l-aħjar li nistgħu imma ma jfissirx li dejjem se jirnexxielna nakkwistaw dak li nixtiequ.



Madanakollu hu importanti li qatt ma naqtgħu qalbna u dejjem nagħmlu ħilitna kollha f'dak kollu li nkunu qegħdin nagħmlu

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.2 u iddiskuti l-istampi mogħtija. Għen it-tfal ipoġġu n-numri ħdejn l-istampa t-tajba,
- .Aqra Attivita 2 . Spjega s-sentenzi mogħtija u għenhom ipinġu t-tajbin
- Iddiskuti Attivita Sam u Tara u oħroġ bl-importanza tar-rispett lejn il-mama.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Nitgħallmu naċċettaw li fil-ħajja mhux dejjem se jkollna suċċess. Se jkun hemm drabi fejn ikollna fallimenti.

2. Irridu naċċettaw is-sitwazzjonijiet ta' diżappunt imma m'għandna qatt naqtgħu qalbna.



**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Irridu nieħdu x-xogħol tagħna bis-serjeta', anki meta ma nirnexxux. Hu importanti ħafna li qatt ma naqtgħu qalbna u nagħmlu kuraġġ. Irridu nibqgħu nistinkaw.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Fl-aħħar it-tfal se jisimgħu il-kanzunetta *The Feelings song* dwar kif jistgħu iħossuhom f'sitwazzjonijiet differenti.

http://www.youtube.com/watch?v=UsISd1AMNYU



**Nitolbu**

Fl-aħħar tal-lezzjoni, it-tfal jgħaqqdu idejhom flimkien u jgħidu:

**Ġesu' għinna biex qatt ma naqtgħu qalbna u dejjem nagħmlu ħilitna kollha f'dak kollu li nkunu qegħdin nagħmlu.**

